# tibża’ xejn
# jekk tibda x-xita

# tibża' xejn
# jekk tibda x-xita

*13-il poeżija, għanja, u riklam*

mario cardona | adrian grima | simone inguanez
immanuel mifsud | walid nabhan

skarta

2007

Editur: Adrian Grima

Pubblikazzjoni ta' Edizzjoni Skarta – www.skarta.org
Ippubblikat l-ewwel darba f'Ġunju 2007
Stampat mill-ġdid f'Mejju 2009 għand Custom Lab, B'Kara
Disinn tal-qoxra ta' Jonathan Grima mnebbaħ minn disinn oriġinali ta' Immanuel Mifsud

ISBN: 978-99932-652-4-5

Uħud minn dawn il-poeżiji nqraw mill-awturi fil-kunċert Made in Fair Trade li sar fil-Barrakka ta' Fuq nhar il-Ħadd, 24 ta' Ġunju, 2007, bħala parti mill-festival tal-kummerċ ġust WorldFest organizzat mill-Koperattiva Kummerċ Ġust. www.l-arka.org

© Drittijiet miżmuma mill-awturi u mill-pubblikatur

## Werrej

Rijayatu Razak, il-Ħaddiema Tfal u l-Kummerċ Ġust – Adrian Grima 7

**Mario Cardona**

Sara, Oħolmilna Ħolma Ġdida 17
Ir-Riżultat 19
Il-Leġġenda tal-Għalliem Li Ħatfuh mill-Maqjel 20

**Adrian Grima**

Joseph u Jean *(għat-tfal)* 23
Fwd: midnight invasion 24
Il-Lingwa tal-Għajnejn 26
Minn Wara l-Għolja *(għanja)* 27

**Simone Inguanez**

Kulma Rrid 29
Epitaffju għal Tifel Żgħir 30
Fl-Isfar Fjakk 31

**Immanuel Mifsud**

Nikol Mifsud, Ċittadin Malti 33
Il-Gaġġa *(għat-tfal)* 34
Taħniniet Fuq Stil Tradizzjonali *(għat-tfal)* 36

**Walid Nabhan**

Il-G8 39

Biex Timbarka *(riklam)* – Adrian Grima 31

*Lit-tfal li jafu biss il-qiegħ tal-Mediterran*

# Rijayatu Razak, il-Ħaddiema Tfal u l-Kummerċ Ġust

Il-kaġun ewlieni tal-isfruttament tat-tfal fix-xogħol huwa l-faqar. Peress li ħafna drabi l-paga li jaqilgħu l-ġenituri mhix biżżejjed biex tipprovdi dar, ikel u ħwejjeġ għall-familja, it-tfal ikollhom joħorġu jaħdmu. L-akbar sfruttament tal-ħaddiema tfal jinsab fil-produzzjoni tal-ikel, l-aktar fil-qasam tal-kafè, il-kawkaw, il-banana, il-larinġ u z-zokkor. Fatou għandha ħames snin u nofs. Tgħix il-Możambik. Taħdem fi pjantaġġun tal-banana. Trid tgħin lill-ġenituri tagħha jiġbru l-banana. Imma ma titħallasx. Ħafna drabi fuq rasha jkollha ġġorr tagħbija ta' banana itqal minnha stess.

Oqsma oħrajn li fihom ikollhom jaħdmu t-tfal huma l-qoton u t-tessuti, it-tapiti, il-ġojjellerija, u l-blalen tal-isports. Imma hemm ukoll ħafna tfal bħal Arturo, li għandu 14-il sena u jgħix f'Cajamarca l-Perù. Kull filgħodu, fil-5.30, jerħilha lejn pompa tal-petrol fil-belt ċkejkna fejn joqgħod biex jaħsel il-karozzi. Bix-xogħol tiegħu jgħajjex lill-familja tiegħu.

Jingħad li kien hemm żmien fil-bidu tas-seklu 21 meta fil-Kosta tal-Avorju, fejn jitkabbar nofs il-kawkaw għall-industrija dinjija taċ-ċikkulata, iktar minn 200,000 tifla u tifel kienu qed jaħdmu f'kundizzjonijiet perikolużi fil-pjantaġġuni tal-kawkaw, ħafna minnhom ittraffikati mill-Burkina Faso u l-Mali, u wħud minnhom saħansitra subien ta' disa' snin. Ħafna mit-tfal ma tħallsux ta' xogħolhom. Jingħad li kienu jsawtuhom u wħud mis-subien li ppruvaw jaħarbu qatluhom. Din hija parti mir-realtà mdewba fiċ-ċikkulata li nieklu.

**Il-Qoton u l-Abbuż mit-Tfal**

Skont rapport estensiv tal-Fondazzjoni għall-Ġustizzja Ambjentali ta' Londra, *White Gold. the True Cost of Cotton. Uzbekistan, cotton and the crushing of a nation*, ippubblikat fl-2005 u disponibbli fuq www.ejfoundation.org, 70% tat-tfal madwar id-dinja maqbudin fid-dinja tax-xogħol jaħdmu fil-biedja, qasam li jesponi lil ħafna minnhom għall-kimiċi tal-bexx. Dan huwa xogħol iebes li fih aktarx it-tfal ikollhom jużaw makkinarju tqil.

Fl-industrija tal-qoton qed isir abbuż kbir mit-tfal f'għadd ta' pajjiżi, mill-Punent tal-Afrika sal-Eġittu, mill-Indja sat-Turkmenistan, tfal li jaħdmu fil-produzzjoni taż-żerriegħa tal-qoton, jisprejaw il-bexx u jiġbru l-qoton fi żmien il-ħsad. L-involviment tat-tfal f'din l-industrija jmur kontra l-Konvenzjoni tal-Agħar Forom ta' Xogħol tat-Tfal tal-Għaqda Dinjija tax-Xogħol. Ir-rapport tal-Fondazzjoni għall-Ġustizzja Ambjentali jgħid li fl-Eġittu, il-Pakistan, l-Użbekistan, it-Turkmenistan, it-Taġikistan u l-Indja, it-tfal ikollhom jaħdmu regolarment fl-għelieqi tal-qoton kemm waqt u kemm wara l-istaġun tal-bexx, jiġifieri meta jkun hemm ħafna fdal tal-pestiċidi. Dawn jagħmlu ħsara speċjali lit-tfal għax ġisimhom ikun iżgħar, il-metaboliżmu ikun differenti u s-sistemi tal-organi tagħhom ikunu qed jikbru u jiżviluppaw malajr.

Minbarra l-ħsara ambjentali enormi kkaġunata mill-użu ta' ammonti kbar ta' ilma fil-produzzjoni tal-qoton u li taffettwa s-saħħa tan-nies li jgħixu fl-ambjenti milquta, studju riċenti jgħid li jista' jkun hemm rabta bejn il-kimiċi qerrieda li jintużaw fil-kultivazzjoni tal-qoton u l-inċidenza ħafna ogħla min-normal ta' kanċer u kundizzjonijiet serji oħra f'postijet fl-Użbekistan bħal Karakalpakstan. Ir-residenti tar-reġjun tal-Karakalpakstan għandhom l-ogħla rata fid-dinja tal-

kanċer tal-esofagu. Jista' jkun ukoll li hemm rabta bejn it-tniġġis mill-bexx u r-rati għolja ta' patoloġiji fir-riproduzzjoni umana. Ngħidu aħna, tarbija minn kull 20 titwieled b'anormalità, rata li hija 5 darbiet ogħla minn tal-pajjiżi Ewropej.

Kull sena fl-Eġittu jġiegħlu lil madwar miljun tifel u tifla ta' bejn is-7 u t-12-il sena jneħħu d-dud li jattakka l-pjanti tal-qoton b'idejhom. Hemm żmien meta jaħdmu ħdax-il siegħa kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd, għal għaxar ġimgħat sħaħ. Bosta rapporti jgħidu li dan ix-xogħol jesponihom għall-perikli tal-bexx u li l-ħaddiema ta' fuqhom isawtuhom u jġegħluhom jaħdmu ħafna iżjed milli jifilħu.

It-tfal li jaħdmu fil-qasam tal-agrikultura jitħallsu bis-soldi u f'ċerti każijiet ma jitħallsu xejn. Skont riċerka li saret fl-Eġittu fl-2001, it-tfal li ħadmu fil-ġbir tal-qoton qalgħu US $1.08 għal ġurnata xogħol, waqt li l-kbar qalgħu madwar 50% aktar minnhom. It-tfal li ħadmu fil-qasam tal-kontroll tad-dud, xogħol li ftit li xejn jagħmluh il-kbar, qalgħu saħansitra anqas minn sħabhom li ġabru l-qoton: bejn US $0.68 u US $0.95 għal ġurnata xogħol.

Fl-istat Indjan ta' Andhra Pradesh, rapporti jgħidu li mal-mitt elf tifel u tifla taħt it-18-il sena jaħdmu 13-il siegħa kuljum fil-produzzjoni taż-żerriegħa tal-qoton għal inqas minn nofs ewro kuljum. Ħafna drabi dawn it-tfal ikollhom jibqgħu jaħdmu minħabba self li jkun ingħata lill-ġenituri tagħhom. Huwa tip ta' skjavitù.

Fl-Użbekistan, it-tieni l-akbar esportatur tal-qoton fid-dinja, il-gvern iġiegħel lil mijiet ta' eluf ta' tfal, uħud minnhom saħansitra ta' seba' snin, jiġbru l-qoton. Dan huwa xogħol iebes ħafna li tiegħu jitħallsu paga miżera u ġieli ma jitħallsu xejn. Il-fqar ma jgawdu xejn minn dan il-qoton: igawdu biss dawk il-ftit li jmexxu l-

pajjiż b'id tal-ħadid u jagħmlu l-miljuni mill-esportazzjoni tal-qoton, minkejja li qegħdin jiksru l-kostituzzjoni Użbeka. 29% ta' dan il-qoton minsuġ bl-inġustizzja u l-moħqrija jinbiegħ lill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropa u l-Iżvizzera, bi dħul ta' madwar US$350 miljun fis-sena. L-erba' produtturi l-kbar l-oħra tad-dinja huma ċ-Ċina, l-Indja, il-Pakistan u l-Istati Uniti tal-Amerika. Iżda waqt li t-tliet pajjiżi Asjatiċi jżommu ħafna mill-qoton li jkabbru għas-suq intern, l-Użbekistan tbigħ 70% tal-qoton li tipproduċi, jiġifieri 800,000 tunnellata fis-sena, lil pajjiżi oħra.

F'reġjun minnhom jikkalkulaw li hemm mal-200,000 tifel u tifla jaħdmu fl-għelieqi tal-qoton, li wħud minnhom jitilfu sa tliet xhur skola fis-sena biex jagħmlu, iridu jew ma jridux, dan ix-xogħol. Dawk li ma jilħqux il-kwota li tingħatalhom jew li jiġbru qoton ta' kwalità baxxa jgħajtu magħhom, isawtuhom jew isakkruhom.

Skont Miles Litvinoff u John Madeley, l-awturi tal-ktieb *50 Reasons to Buy Fair Trade* (Londra: Pluto Press, 2007), is-sistema internazzjonali "normali" tal-kummerċ tisfrutta lit-tfal fil-pajjiżi tan-naħa t'isfel tad-dinja. Lil miljuni ta' ġenituri f'dawn il-pajjiżi l-fqar is-sistema tħallashom bil-loqom u minħabba f'hekk ħafna tfal ikollhom jaħdmu, jiċċaħħdu mis-servizzi tas-saħħa li jkollhom bżonn u jinqabda f'ċirku vizzjuż ta' faqar.

Kuljum fid-dinja jmutu mat-30,000 tifla u tifel minħabba l-faqar, vittmi tan-nuqqas ta' ikel bnin u minħabba mard komuni li jitfejjaq faċilment, bħall-ħosba, li f'pajjiżi fqar joqtol lil ħafna tfal foqra. 10 miljun tifla u tifel imutu kull sena qabel ma jagħlqu l-ħames snin; ħafna minnhom imutu minħabba d-diarrhoea, marda li fejn hemm servizzi bażiċi tas-saħħa mhux diffiċli tilqa' għaliha jew tfejjaqha. Skont Litvinoff u Madeley, komunitajiet sħaħ spiċċaw fil-miżerja minħabba d-dejn

li sabu ruħhom fih, imma dan id-dejn huwa r-riżultat tas-sistema inġusta tal-kummerċ li tiffavorixxi lill-pajjiżi s-sinjuri li fasslu regoli komdi għalihom infushom u skomdi għal dawk li m'għandhomx vuċi. Filwaqt li prodotti u servizzi mill-pajjiżi s-sinjuri jinvadu lill-pajjiżi l-fqar mingħajr xkiel ta' xejn, il-prodotti tal-pajjiżi l-fqar iridu jħabbtu wiċċhom ma' tariffi u sussidji fil-pajjiżi s-sinjuri li jaħdmu kontrihom. Ngħidu aħna, il-waqgħa fil-prezzijiet tal-qoton fis-swieq internazzjonali fissret katastrofi sħiħa għal familji u produtturi żgħar fl-Indja li f'daqqa waħda sabu ruħhom mgħarrqin fid-dejn. Din is-sitwazzjoni ddisprata wasslet biex għadd ta' nies jikkommettu suwiċidju.

## Id-Dritt għal Ħajja Aħjar

Meta persuna tixtri prodott tal-kummerċ ġust tkun qed ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tat-tfal fil-komunità li ħadmet dak il-prodott. Permezz tal-kummerċ ġust, familji bi dħul baxx ikunu jistgħu jaqilgħu biżżejjed flus biex jgħixu ħajja diċenti u biex it-tfal ikunu jistgħu jmorru l-iskola minflok ix-xogħol. Il-kummerċ ġust jagħti r-riedni tal-ħajja lura lill-familji u lill-komunitajiet. B'dan il-mod it-tfal ikollhom aċċess aħjar għal riżorsi u faċilitajiet bħal ilma nadif u servizzi sanitarji, edukazzjoni u kura medika. Meta persuna tixtri prodott tal-kummerċ ġust tkun qed isserraħ rasha li ħadd ma sfrutta jew ittraffika t-tfal biex ipproduċa dak li tkun qed tħallas għalih, u dan jgħodd. Il-federazzjoni internazzjonali tal-organizzazzjonijiet tal-kummerċ ġust, l-IFAT, tara li meta t-tfal ikunu involuti fil-proċess tal-produzzjoni s-sehem tagħhom ma jxekkilx il-kwalità tal-ħajja tagħhom bħala tfal, is-sigurtà, il-ħtiġijiet edukattivi u l-bżonn tagħhom li jilagħbu. Is-sehem tat-tfal irid ikun ħieles

mill-isfruttament, temporanju u part-time, u m'għandux jagħmel ħsara lil saħħithom.

Iktar minn 120 miljun tifla u tifel madwar id-dinja, speċjalment il-bniet, ma jmorrux l-iskola. Kważi nofs il-bniet fl-ifqar pajjiżi tad-dinja ma jirċievu ebda tip ta' edukazzjoni primarja, u fi 19-il pajjiż Afrikan inqas minn nofs it-tfal jispiċċaw l-iskola primarja. Bl-għajnuna tal-kummerċ ġust, it-tfal ikunu jistgħu jmorru l-iskola.

L-ikbar ostaklu għall-edukazzjoni tat-tfal huwa l-faqar fiż-żoni rurali, u għaldaqstant l-iktar tfal li jbatu huma dawk li jgħixu fil-kampanja. Ħafna drabi l-edukazzjoni primarja fin-Naħa t'Isfel tad-dinja hija b'xejn, imma l-ġenituri ma jkollhomx flus għall-uniformijiet, il-kotba, il-lapsijiet, it-trasport għall-iskola, u l-ikel. Fl-Etjopja l-iktar skola primarja fil-qrib taf tkun mal-20 kilometru 'l bogħod. Ħafna skejjel sekondarji fil-pajjiżi tan-Naħa t'Isfel huma bil-ħlas; terz tat-tfal tad-dinja qatt ma jaslu sal-iskola sekondarja.

Il-bdiewa fin-Naħa t'Isfel, il-ħaddiema fl-inħawi rurali u n-nies tas-sengħa jinsistu li l-edukazzjoni tat-tfal hija l-ewwel prijorità. L-għaqdiet tal-ħaddiema fil-qasam tal-kummerċ ġust jużaw id-dħul tagħhom biex jibnu l-iskejjel primarji u jibqgħu jieħdu ħsiebhom u biex jiffinanzjaw l-edukazzjoni sekondarja u jagħtu boroż ta' studju lit-tfal fil-livell universitarju.

Kuapa Kokoo, koperattiva kbira tal-kawkaw tal-kummerċ ġust fil-Ghana li għandha 45,000 membru fost il-bdiewa, waqqfet skejjel u kindergartens għat-tfal tal-membri tagħha imma anki għal dawk li mhumiex. Dan wassal għal titjib kbir fl-attendenza tal-istudenti u fil-kwalità tal-edukazzjoni li jieħdu. Permezz tal-kummerċ ġust jistmaw li fi tmien snin Kuapa qalgħet mal-miljun dollaru Amerikan iżjed, u dawn il-flus investewhom fl-edukazzjoni: b'miljun dollaru tista' tħallas l-iskola

primarja għal sena għal 240,000 tifel u tifla fil-Ghana. Fin-nofsinhar tal-Brażil, Apaco, li hi koperattiva tal-kummerċ ġust tal-bdiewa tal-larinġ, tħallas għall-edukazzjoni ta' bniet minn familji bi storja mqallba. F'din l-iskola residenzjali, minbarra l-edukazzjoni normali, il-bniet jingħataw għajnuna psikoloġika u terapewtika.

Fit-Timor tal-Lvant 18,000 ruħ, bejn tfal u kbar, użaw is-servizzi tas-saħħa fi kliniċi mħallsin bid-dħul mill-kummerċ ġust. Fi bnadi oħra, il-produtturi tal-kummerċ ġust qed jużaw id-dħul tagħhom biex jibnu toilets pubbliċi u kliniċi tal-maternità, jinvestu fi programmi tas-saħħa fil-komunità, u saħansitra jixtru ambulanza.

F'Bahia, wieħed mill-ifqar reġjuni tal-Brażil, il-membri ta' Cealnor, li hija federazzjoni tal-produtturi tal-frott, investew il-qligħ mill-kummerċ ġust f'tagħmir biex jagħmlu taħlita ta' meraq bnin għal tfal li jimirdu għax m'għandhomx biżżejjed x'jieklu. Ix-xarba bnina li ħolqu issa tinbiegħ fis-supermarkets tal-post.

Mai Handicrafts tal-Vjetnam joffru xogħol diċenti lil familji marġinalizzati u bi dħul baxx billi jbigħu l-prodotti artiġjanali tagħhom fi swieq lokali u internazzjonali. Mai torbot flimkien l-attività ekonomika ma' inizjattivi biex nisa u tfal fqar jingħataw taħriġ u edukazzjoni. Dan jgħin biex il-familji żvantaġġati u l-komunitajiet fi ħdan il-minoranzi etniċi jkunu jistgħu joħorġu lilhom infushom mill-morsa tal-faqar. Il-qligħ mill-bejgħ tal-artiġjanat tal-kummerċ ġust jintuża għal attivitajiet ta' assistenza soċjali ma' familji b'ġenitur wieħed, mat-tfal u ż-żgħażagħ.

Minħabba l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni, ħafna mill-faqar fid-dinja huwa assoċjat man-nisa: l-istatistika turi li l-familji mmexxijin min-nisa aktar

għandhom ċans li jkunu fqar minn dawk immexxijin mill-irġiel. Għaldaqstant il-kummerċ ġust jagħti attenzjoni speċjali lid-drittijiet tan-nisa u l-bniet, u b'dan il-mod jgħin lil uħud mill-ifqar tfal tad-dinja.

Ġenerazzjonijiet ta' bniet qed jitilgħu bl-idea li huma l-protagonisti, u mhux il-vittmi, tad-destin tagħhom. Bis-saħħa tal-esperjenza pożittiva tal-kummerċ ġust, l-ommijiet qed ixettlu f'uliedhom bniet aspettattivi akbar. Rijayatu Razak, tfajla li hija bint waħda mill-membri tal-koperattiva Kuapa Kokoo, hija eżempju ta' kif il-kummerċ ġust ibiddel il-mod kif il-bniet iħarsu lejn id-dinja. Minħabba d-dħul ġust mix-xogħol tal-koperattiva, Rijayatu tmur l-iskola sekondarja. "L-iskola rnexxieli nibda koperattiva tiegħi għat-tfajliet biss. Mhux sew li t-tfajliet ikollhom jagħmlu x-xogħol tad-dar waqt li s-subien joqogħdu jduru r-raħal bir-roti u jilagħbu l-futbol. Aħna nemmnu li x-xogħol għandu jinqasam indaqs bejn il-bniet u s-subien."

**Ħlas Ġust għall-Ħaddiema u l-Komunità**

Biex tonqos l-inġustizzja tat-tfal li jkollhom jaħdmu jeħtieġ, fost l-oħrajn, li:

- Il-ġenituri jaqilgħu biżżejjed flus mix-xogħol tagħhom, ħlas ġust li jirrifletti l-ħila u l-impenn tagħhom, biex ma jkollhomx għalfejn jibagħtu lit-tfal tagħhom jaħdmu.
- It-tfal għandhom imorru l-iskola. Hemmhekk jitgħallmu ħiliet li permezz tagħhom ikunu jistgħu jaqilgħu l-għajxien tagħhom fil-futur. B'dan il-mod, meta huma jkollhom it-tfal tagħhom dawn ma jkollhomx għalfejn jaħdmu biex jgħinu lill-familja.

- Dawk it-tfal li jkollhom jaħdmu għandhom id-drittijiet tagħhom ukoll. Ħadd m'għandu jisfruttahom. Għandu jkollhom il-ħin biex imorru l-iskola wkoll. U ovvjament għandhom jitħallsu ta' xogħolhom.

Il-kummerċ ġust huwa wieħed mill-modi l-iktar konkreti kif jonqos ix-xogħol li jisfrutta lit-tfal u jibni dinja aktar ġusta għall-maġġoranza tan-nies tad-dinja li llum, f'idejhom, għandhom biss farka mir-riżorsi tad-dinja li bi dritt għandhom jinqasmu ndaqs bejn kulħadd.

**Adrian Grima**
L-24 ta' Ġunju 2007

Mario Cardona

## Sara, Oħolmilna Ħolma Ġdida

Din hi l-ħolma li ħlomna:
iġsma nomadi jpassu fuq ferrovija supersonika,
swaba' jtektku fuq cash registers iċemplu waħda
f'waħda,
dwiefer nodfa jiktbu hepi berday fuq il-mowbajl,
par widnejn storduti bl-MP3, imxaħxħa quddiem
televixin diġitali
josservaw lil Bush idawwar il-kelb fil-ġnien
ta' dar goffa bajda maħsula fid-demm tal-ħżiena
li mietu fil-gwerer kontra t-tajbin,
imnieħer goff ixomm il-burger doppju ħiereġ mill-
griljożo.

Dan huwa l-ħolm li ħlomna:
ħolm roża bit-tikek blu
ta' nisa rħas ibigħu sidirhom u kuxxtejhom fuq l-Italia
Uno,
ta' rġiel li joqtlu l-piż tal-eżistenza taħt it-toqol tal-ħadid
fil-gym,
ta' jdejn iċapċpu quddiem spallieri umani b'wiċċ
imdejjaq
li qed ikaxkru fuqhom
l-aħħar ċraret li ħietu flimkien Dolce u Gabbana,
ta' ħluq ilaqqtu l-birra li tippakkja ruħha sew
f'żaqq minfuħa mkeffna fi flokk biċ-Che Guevara fuqu
quddiem il-big screen fil-klabb tal-boċċi.

Dan hu li ħlomna l-bieraħ,
tfal bl-uniformi, mexjin tnejn tnejn lejn l-istalel,
b'tabella ħdejn kull remissa li timmarka l-ħmir miż-
żwiemel,

għalliema żwiemel
li jittrenjaw liż-żwiemel  biex itellqu fl-AA1 fil-Marsa,
għalliema ħmir
li jittrenjaw lill-ħmir biex imorru jilehġu fit-tellieqa tal-Imnarja,
skont programm xjentifiku ta' taħriġ li l-ġenituri
għandhom isostnu mingħajr ma jistaqsu xejn.

Din hi l-ħolma li ħlomna.
U llejla,
lejla sajfija b'qamar sħiħ u żiffa friska,
inħares lejn Sara rieqda bil-ktieb ta' sindirella f'idha.

Mario Cardona

# Ir-Riżultat

Wasal Lulju kollu ħedla.
L-iskola għalqet il-bibien
u s-ser mar villeġġjatura Birżebbuġa
u mbagħad mar tour, Lourdes u Eurodisney.

U jien bqajt hawn
fil-kċina t'ommi
bilqiegħda mal-mejda
b'dar-riżultat abjad f'idejja,
b'numri mħażża bl-iswed fuqu li,
bla ħoss,
jinstabtu bħal stampatura ta' ballun
fuq moħħi.

U minn taħt il-għajn
qbadt 'l ommi tmexxi ħarsitha
minn fuqi
għal fuq ir-ritratt tan-nannu
[imdendel mal-ħajt fuq il-friġġ kollha sadid]
u lura għal fuqi.

MARIO CARDONA

# Il-Leġġenda tal-Għalliem Li Ħatfuh mill-Maqjel

Il-magna l-kbira
ħatfitni mid-dar t'ommi,
riħa ta' fniek, tiġieġ u mogħoż.
Ħaslitni ħasla tajba u libbsitni uniformi.
Ippakkjatli moħħi bl-għerf meħtieġ
u tatni ċ-ċejċa, għax kont numru eżemplari.

U mbagħad tefgħuni fuq conveyor belt
u faqqgħu fuqi doċċi t'ilma riħa tħeddlek t'aċtu.
Meta wasalt f'tarf il-linja
is-supervisor qalli:
Ir-riħa tal-fniek, tiġieġ u mogħoż telqet għal kollox
u ħassarnielek saħansitra t-tifkira tal-maqjel.
Issa nistgħu nirriskjaw li n'tuk promotion:
Se nibagħtuk supervisor fuq magna żgħira, sakemm
tidra.

Għall-bidu x-xogħol kien eċitanti:
Conveyor belts iduru u ilma jfexfex fuqhom.
Imma waqt l-għassa
bdejt kultant inxomm irwejjaħ malinkoniċi
ħierġa minn ġol-extractors imdendlin fuq rasi.
Bil-mod il-mod l-enifurmi li kont liebes
bdejt inħessha ssikkuta.
Is-safety shoes bida jwaġġagħni,
u l-ħess itektek tal-conveyor belt
bida jqabbadni n-nervi.

U naqra naqra reġgħet f'moħħi l-fakra
ta` x'ġara ġewwa l-maqjel snin twal ilu:

Hemm imxejt ħufi u żaqqi barra,
u kont nisma' bess il-megħeż iqarmċu s-silla,
u missieri jitħaddet ma' missieru.

Għalissa jkelli nissapurti ħdej' dil-mugna,
għax haw bess insib x'niekol.
Imma moħħi jhewden il-ħin kullu
fuq kif sa nagħmel sabutaġġ
u naħrab fejn nista' nibni maqjel ġdid kif jegħġeb lili:
– bil-ħsejjes li rrid jien,
– bl-irwajjaħ li jaħjuni.

Adrian Grima

# Joseph u Jean

*għat-tfal*

Għandi sieħbi jismu Joseph,
ilu Malta erba' snin.
Sena minnhom għexha msakkar
bla ma għamel xejn ħażin.

Wasal Malta, flok l-Italja,
u flok paċi sab bnedmin
illi qatt ma semgħu b'niesu,
b'dak li minnu għaddejjin.

Kellu jitlaq minn pajjiżu
għax sab ruħu f'nofs il-ġlied
bejn mexxejja egoisti
li jaqilgħu biss inkwiet.

Meta telaq ħarrab miegħu
lin-neputi ċkejken Jean,
iżda f'nofs il-vjaġġ infirdu
qalb is-siġar, qalb id-dlam.

Tul il-vjaġġ ta' fuq il-baħar,
bejn se jegħrqu u ma jegħrqux,
moħħu biss kien fin-neputi
u jekk fl-aħħar isibux.

Kull flgħaxija sieħbi Joseph
jitlob dejjem, bla serħan,
li xi darba jdoqqlu l-mobile
u xħin jaqbdu jisma' 'l Jean.

ADRIAN GRIMA

# Fwd: midnight invasion

I
Jaslu fis-siegħa ta' bil-lejl
u jiġbru wieħed mill-ġirien.
Imbagħad f'bitħa f'nofs xitwa fferoċjata
ineżżgħu l-irġiel qalb l-ommijiet u t-tfal
bil-piġamijiet.

Lil Johnny jippuntawlu s-submachine gun
u jibagħtuh mar-robot ifittex il-bombi
fl-appartament tal-maqbud.
Javżawh biex ma jagħmilx ħsara
għax ir-robot iqum ħafna flus.

Imbagħad jiżvugaw fl-appartamenti l-oħra.
Jaqilgħu t-twieqi, il-bibien,
isabbtu l-għamara ma' kullimkien.
Itertqu l-ħwejjeġ tat-tfal ġol-cupboards bil-balal
u jistennew id-demm iċarċar minn ġol-flokkijiet.

Ir-ritratti jgħumu fl-ilma tas-central heating mifqugħ.
Isoddu t-toilets bir-rollijiet, bis-spapen,
bil-fliexken tax-xampù.
U qabel ma titla' x-xemx
jifqgħu l-gradenza bir-ritratti u d-dokumenti
u ħwejjiġha meta kienet tarbija
u jitilqu żewġ hand grenades
ħa jkeċċu x-xjaten u jmorru lura d-dar
moħħhom mistrieħ li x-xemx se tiżreġ fuqhom biss.

II

Fir-ritratt tidher tifla bil-piġama
tħares lejna minn ġo lejl imtertaq
u oħtha ssummata bil-pupa ggranfata tħares lejha.
Għandha l-*oud* f'idejha,
biċċa fix-xellug, biċċa fil-lemin,
u korda maqbuda bejn iż-żewġ naħiet
imdendlin.

ADRIAN GRIMA

# Il-Lingwa tal-Għajnejn

Ilbieraħ  lgħabt ma' tifel ta' sentejn
u ma nistax ninsieh.
għajnejh idemmgħu bil-hena
u saqajh kurjużi jixħethom quddiemu
appena tħallih.

Kont smajthom jgħidu li t-tifel,
la jikber, se jibqa' bla kliem,
u kont ħassejt għalih.
Imma lbieraħ lagħab miegħi
tifel ta' sentejn
li dendel kusu mal-uġigħ,
u ma nistax ninsa l-ħajja tixxala ġo fih.

Adrian Grima

# Minn Wara l-Għolja

*għanja*

Dalgħodu dħalt f'lukanda
li sidha l-ħin jgħaddih,
iħaddem 'il uliedu,
biex jagħmel aktar qligħ.
Iż-żgħira qed tittama
li jtihom ftit mistrieħ.

Naf tifel mimli saħħa,
għad għandu biss tlettax.
Das-sajf se jerġa' jaħdem
ma' wieħed ġo garaxx.
Għalih ix-xemx mitfija
u tista' ma titlax.

*Rit.* Tielgħa x-xemx minn wara l-għolja,
tielgħa x-xemx għal dawn ukoll.

Għalxejn se jerġa' jisbaħ,
u d-dinja terġa' ddur,
għal dik it-tifla msammra
ma' televixin skur.
La tikber għad tibkiha,
tfulija bla kulur.

F'xi skejjel l-istudenti,
minflok tagħlim meħtieġ,
hemm min jaqtgħalhom qalbhom,
hemm min jgħajjarhom ċwieċ.
'Mma x-xemx li tielgħa ddawwal

se titl' għal dawn ukoll.
U fostna ssib familji
li jgħallmu lill-ulied,
li hum' aħjar mill-bqija,
il-krema tal-kremiet.
Imħatra qatt ma ntebħu,
li taħt ir-raġġ tax-xemx,
kulħadd milħuq ugwali,
kulħadd meqjus l-istess.

SIMONE INGUANEZ

## Kulma Rrid

kulma rrid – waqt żgħir ta' ħemda
dgħajsa sabiex naqsam minn gżira ċkejkna għal oħra
fuq l-ilma sielem
noħlom bl-ilsna tagħhom fietla ġo widnejja
nifhem ftit, imbagħad nintilef qalb id-dwieli f'tarf it-triq
u s-siġar taż-żebbuġ u l-fjuri mlewna

kulma rrid – waqt żgħir ta' ħemda
u naħrab mat-tfal imgermda
jwerżqu f'nofs it-triq dirgħajha mutraba
li trabbihom u taħmihom irġiel somor
fl-irħula jfuħu riħa ta' larinġ u lumi jagħfsu għajnejhom
skuri
biex ma jarawhomx is-suldati ġo kull rokna
u ma jisimgħu xejn mit-talb jirtogħod

Simone Inguanez

## Epitaffju għal Tifel Żgħir

*li ħareg jittawwal 'il-gwerra*

naf
– li xi darba għad tistenbaħ
u terġa' lura tiġġerra fit-trab
– fejn radam ġismek il-lejl
biex jerġa' jfittxek u jsibek

naf
– li xi ħin se tiftakar
fejn kienet soddtok
– u taħrab

u nsakkru sew
u nagħmlu lejl ngħidu l-ħrejjef
– u nidħqu ngħajtu

*biex ma nħallu 'l ħadd terġa' tmur għajnu bih*
u jibdlu l-lejl – f'fjuri żgħar

Simone Inguanez

## Fl-Isfar Fjakk

*tifkiriet ta' feliċ u ċkuniti*

għadha tarak mgħawweġ stampat mal-ħġieġ f'daħna
fwar

swaba' żgħar ixejrulek aljenat

u titlaq bik lej' toroq riħet qħab u rġiel ġejjin lura tilja
żejt.
tarak hemm, feliċ, fl-isfar fjakk
– tat-tieqa li tat għal fuqek bil-ħmara karrotti u karfus –
jinħall fin-nugrufum fuq san pawl,
dejjem ġej –

warajha l-borom itektku, miżża ta' mkatar jagħlu
u paljazzi jpartu l-kuluri, jew kaboċċi jrejħu

u t-tfal ħdejk, arahom: is-subien bil-boċċi u l-bubuni;
il-bniet biż-żibeġ, għal għand rita pintley
– iddommhomlhom ħuta fuq lazz
(meta jispiċċaw iż-żibeġ iddomm'lhom l-għaġin fuq
xliefa)

u yolanda mill-bogħod – yolanda titkellem mod ieħor
indaħħluha ġewwa u ismagħha
nuruha l-għasfur tal-ħġieġ jitbandal bl-ispirtu kulur tas-
silla;
is-silla qatt ma ratha yolanda
– ma niżlitx il-wied, lanqas darba,
il-kunċizzjoni biss rat u l-ħmara ħamra ta' konrad
(joseph għandu bħalha oranġjo)

imma hi, imneħirha kiesaħ magħfus mal-ħġieġ,
tistudja l-ħmara tiegħek
b'għajnej' kbar biżżejjed ħa jqandluha u jġorruha
*'l bogħod*

*triq san ġwann*

IMMANUEL MIFSUD

## Nikol Mifsud, Ċittadin Malti

Nikol, illum sirt ċittadin tar-Repubblika.
Tajthom ismek biex raddewlek in-numru
li se jibqgħu jafuk bih sa ma tinxef.
Nikol, dir-Repubblika la tħobbhiex:
għallimha kif tħobb lilek qabel tħobbha;
għallimha tħares lejk bir-rispett kollu.
U meta ddejjqek bħalma dejjqet lili,
sib l-ewwel qoxra tgħum fil-wiċċ tal-ilma
u salpa 'l hemm mingħajr ma tħares lura.

Immanuel Mifsud

# Il-Gaġġa

*għat-tfal*

Hemm l-istorja tal-fenek l-abjad; l-oħra
tal-qattus liebes il-buz; u hemm oħra
ta' nannakola li tmur lejn l-iskola
u taqbad is-siġġu, u tgħidx kemm togħla!

L-istorja tal-ġurdien li dejjem jiġri;
tat-tifla liebsa l-aħmar u nannitha;
ta' waħda prinċipessa u l-piżella;
kemm kellha xagħarha twil dik Rapunzella!

U hemm l-istorja ta' ħafna nies suwed
li kienu fil-baħar, billejl, fid-dlam ...
fil-baħar imqalleb ... fid-dlam ... iżommu
mal-gaġeġ ... fid-dlam ... li jixħtu s-sajjieda
biex jaqbdu l-ħut kbir!

Dawk x'kienu qed jagħmlu
fil-baħar, billejl u fid-dlam, fil-baħar,
fil-baħar imqalleb ... fid-dlam ... iżommu
mal-gaġeġ il-kbar li jixħtu s-sajjieda?
Għaliex marru jgħumu billejl, fil-baħar
imqalleb, fid-dlam, u qabdu mal-gaġeġ
li xeħtu s-sajjieda ħa jaqbdu t-tonn?

Billejl, fid-dlam, aħna norqdu mhux ngħumu!
Billejl, fid-dlam, kif jaraw fejn qed jaqdfu?
Kif jaqdfu lejn l-art jekk lanqas il-qamar
ma tela' fis-sema ħa jagħti d-dawl?

Jaqbdu mal-gaġeġ li xeħtu s-sajjieda
biex jaqbdu lit-tonn li jkun qiegħed jgħum.
It-tonn ħuta ħamra. Aħmar it-tonn.
It-tonn mimli dmija. Bid-demm it-tonn.
It-tonn ta' ġol-gaġġa. Fil-gaġġa t-tonn.

U mal-gaġġa, fid-dlam, bil-lejl, hemm ħafna
nies suwed, fil-baħar, fil-mewġ; fil-baħar
imqalleb, bil-lejl u fid-dlam, mal-gaġeġ
ħafna nies suwed imqabbda ggranfati
jgħumu bla qamar mal-gaġeġ tat-tonn.

Ħa norqod fis-sodda – *fl-ilma?* – fis-sodda ...!
u noħlom ħolm sabiħ bil-fenek l-abjad;
u noħlom b'qattus liebes boots; u noħlom
li wasal filgħodu, mort lejn l-iskola
u tgħidx kemm bdiet togħla in-nannakola;
u noħlom bil-ġurdien li dejjem jiġri;
bit-tifla liebsa l-aħmar u b'nannitha;
bis-saqqu bil-piżella w b'Rapunzella.

Il-baħar imqalleb ... id-dlam ... nies suwed
iżommu mal-gaġeġ tat-tonn ... fid-dlam ...
f'baħar imqalleb ... u ... f'baħar imqalleb ...
f'baħar imqalleb ... bla qamar ... fid-dlam ...

Immanuel Mifsud

## Taħniniet Fuq Stil Tradizzjonali

*għat-tfal*

1
Tħares lejk il-mamma qiegħda,
Tħares lejk b'għajnejha sbieħ.
Qed tpinġilek baħar ikħal
Ħalli tinżel toħlom fih.

2
Tibża' xejn jekk tibda x-xita,
Tibza' xejn jekk jibda r-riħ,
Ħa nkun ħdejk, ħa nżommlok idek.
Orqod, ibni, orqod, strieħ.

3
Orqod, isa orqod binti
Fuq dis-sħaba tat-tajjar.
Int'x qed tismal-qniepen ċkejkna
Iħabbrulek li l-ħin sar?

4
Orqod, isa, qalbi orqod,
Waqa' d-dlam għax il-lejl sar;
Raqad l-ors t'għajnejh kannella
U l-għasfur tal-fidda tar.

Orqod, isa, qalbi orqod,
Sa ma jisbaħ u jqum l-ors;
Jiġi wkoll l-għasfur tal-fidda
Li jrid joqgħod ħdejk bilfors.

5
Ara ġej in-ngħas għalik,
Liebes l-abjad bħall-ħalib.
Ara wasal! Ara wasal!
Din il-bewsa min tahielek?

6
Dik il-mara b'wiċċ tal-fidda
Malli torqod tiġi ħdejk.
Il-lejl kollu tħares lejk.
Ġieli tbusek fuq ħaddejk.

Orqod, orqod ħalli tiġi;
Tidħol fejnek bil-fanal.
Iġġib magħha ħafna tfal:
Kollha jorqodu sigħat twal.

Issa orqod għax daq't ġejja
Ġejja fejnek bil-vapur;
Magħha ġġiblek ħafna fjur
U filgħodu terġa' tmur.

7
X'inhuma sbieħ il-kwiekeb
Avolja ma jidhrux.
Jekk tagħlaq għajnejk jidhru.
Nispera ma jimxux.

Jekk jimxu nistennewhom
B'għajnejna magħluqin.
Is'isa orqod orqod
Għaliex diġà risqin.

WALID NABHAN

# Il-G8

I.
Reġgħu ltaqgħu t-tmienja l-kbar
Vittorja oħra għad-dinja tagħna
Vittorja oħra għall-fqar
Għall-ewwel darba u f'inqas minn jumejn
Ħa jistenbħu l-foqra filgħodu
U mhux se jkollhom lira waħda dejn
Dan kollu bis-saħħa tal-mexxejja l-kbar
Tas-sur *Pontila*: San Pawl il-ġdid
U s-sur *Matti*: San Ġwann l-iżvilupp globali
U s-sur *Lupufitz*: id-dunġwann u l-ħakkiem mondjali
U warajhom l-armata tan-*New York Times* u l-*Observer* bit-trumbetti
U l-kittieba professjonali
Idejhom jqattru verità globali

Issa sirna nafu kif jimxu l-corporations
U kif jaħdmu u jikbru
Fuq l-iġsma tat-tfal ta' Bagdad
Li ilhom mindu ħadu l-liberazzjoni
Ma jduqu l-irqad

Sirna nafu kif il-balal jsiru gażaża
Fi ħluq it-trabi ta' Gaża

U l-Afrika għajjiena megħluba midruba misruqa maħluba
Qed tmut fi skietha
Għal kull dollaru li jagħtuha
Jeħdulha tlieta

U kif it-tfal taċ-Ċeċnija u Magadixu u Darfur
Jgħumu f'ibħra demm
U l-unika *issue* fuq l-aġenda tal-kbar
Hija kemm

Kemm ħa nagħmlu l-barmil?
U biex intallgħulu l-prezz
Kemm jeħtiġilna nqajmu gwerer
U tqanqil?
U għat-tqanqil
Kemm-il qattiel?
U kemm-il ħalliel?
U kemm-il barmil
Irridu biex jibqa' San Pawl il-ġdid
L-unika sid
Jagħmel li jrid
U jdur id-dinja
U jqassam l-ittri tiegħu
Mill-F16
U l-B52?

Kemm ikkonverta nies San Pawl il-ġdid
Kemm hu ħanin kemm hu ġust
Dawk li qatt ma kienu ugwali fil-ħajja
Għamilhom ugwali fil-mewt

II
Aħna ż-żgħar?
Xi jridu minna l-kbar?
Is-swieq tagħna saqajhom miftuħin daqs qaħba gustuża
Ġegħluna nipprivatizzaw il-qliezet ta' taħt
Kull proġett nazzjonali li jaqla' lira
Ġegħluna ngħadduh f'idejhom
L-ilma u d-dawl
U l-arja u s-sħab imniġġes u s-saqaf ta' fuq rasna

Kull HSBC li jidħol
Iġib miegħu ħamsin McDonalds
U għal mal-McDonalds
Trid il-Coca
U l-Coca trid il-Vodafone
U tkompli l-katina tissikka
U l-but tal-foqra jiffjakka

U kull sena
Jerġgħu jiltaqgħu l-kbar
Wara ċ-ċnut u s-swar*
Biex jaraw fejn wasal is-serq
U jirrevedu l-pjani
Biex iżommu 'l ta' madwarhom
Dejjem foqra u żgħar

**Il-laqgħa tal-G8 li saret f'Ġunju tal-2007 f'Heiligendamm il-Ġermanja saret taħt sigurtà kbira. Bħas-sinjuri kollha, il-mexxejja tal-G8 kienu mdawrin b'ċint elettroniku ta' sigurtà għoli żewġ metri u nofs. Jidher li dan iċ-ċint waħdu ġie jiswa 'l fuq minn 12.5 miljun Ewro.*

Adrian Grima

## Biex Timbarka

*riklam*

Jekk int bħali demmek jiksaħ
tisma' b'poplu sħiħ jinħaqar,
u jistinka kemm jistinka
jibqa' mgħarraq fl-għaks u l-faqar;

jekk tirvilla meta tara
tfal ilsiera jħitu l-blalen;
jekk tħoss fawra tielgħa għal rasek,
tħoss l-għoqiedi ġol-imsaren;

jekk qalulek li f'dar-raħal,
meta n-nies jimirdu ftit,
jistennew il-mewt titfaċċa
kif u meta jkollha aptit;

flok tiħdar ġo fik u żżarrat,
flok titħammel u titħarbat
flok tiġġandar, flok xalata,
flok tmur f'bar u ssir patata,
flok min ftit u flok min ħafna...

Tamal bnin mill-Palestina,
kuskus, sagħtar bil-merqtux
slaleb żgħar bil-vini mqabbża
minn ġol-frieghi taż-żebbuġ.

Ftit kafè mill-Gwatemala,
ċikkulata tal-Mascao;
ġamm tal-Ekwador u l-Kenja:
ejja ħbieb ħa nattakkaw!

Diġ'ridù mill-Indoneżja,
ġembe kull kulur mill-Gana;
tnabar, flawtijiet u sfafar,
biex tinfexx fid-daqq u l-għana.

X'qed tistenna biex tistagħna,
Itlaq kollox, imxi magħna.
Tista' ssewwi dinja mfarrka,
tarma xabla, tarma tarka.
L-għażla tiegħek tkun bħal barka,
kollox jiswa, anki farka;
terfa' post mal-patrijarka,
flok tad-ditta, flok tal-marka,
tista' titla' abbord fuq L-Arka...
X'int tistenna biex timbarka?

## *Pubblikazzjonijiet ta' Edizzjoni Skarta*

### *poeżiji*

Adrian Grima, *Dieser Verwundete Frühling/Dir-Rebbiegħa Midruba* (2007)

Adrian Grima, ed., *Tibża' Xejn Jekk Tibda x-Xita* (2007)

Immanuel Mifsud, *Poland Pictures* (2007)

Adrian Grima u Immanuel Mifsud, *Riħ min-Nofsinhar* (2008)

Antoine Cassar, *Mużajk. an exploration in multilingual verse* (2008)

Adrian Grima u Karl Schembri, ed., *Id-Demm Nieżel Bħax-Xita* (2009)

### *studju*

Adrian Grima, *Ħożż fl-Ilma. il-kotba, il-qari u l-baħar* (2008)

*distribuzzjoni*

Sierra Book Distributors - Tel. (+356) 2137 8576 / 2737 8576
info@sierra-books.com - www.sierra-books.com